# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 23 ta' April, 2001**

**Citaz.  numru:  2582/98 M2 NA**

**Joseph Vincenti**

**vs**

**Connie Vincenti**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'zewg rikorsi ta' l-attur tal-14 ta' Mejju 1999 u 3 ta' Mejju 2000 fejn jitlob principalment li jinghata l-kura u kustodja esklussiva tat-tifel minuri Josef li kienet giet fdata f'idejh u f'idejn martu konguntivament mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dana b'access favur il-konvenuta/intimata f'liema rikorsi talab ukoll "*prevja okkorrendo n-nomina ta' Social Worker jew Welfare Officer*". Fir-rikors tal-14 ta' Mejju 1999 talab ukoll ir-revoka tad-digriet ta' l-istess Sekond'Awla in kwantu fejn akkordat l-alimenti

ghax, skond hu, l-konvenuta tilfet dan id-dritt minhabba adulterju.

Effetivament il-konvenuta ma kenitx giet notifikata bir-rikors tal-14 ta' Mejju 1999 pero' tat ruhha b'notifikat bl-istess fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2000 filwaqt illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2000 l-attur irtira zewg rikorsi ohra minnu pprezentati fl-10 ta' Dicembru 1999 u 9 ta' Mejju 2000.

Fir-risposta taghha tat-8 ta' Marzu 2000 il-konvenuta ghal diversi ragunijiet hemm moghtija invece titlob lill-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2000 xehed Damien Spiteri li sa ftit zmien qabel kien Social Worker li kien investiga dan il-kaz u Paul Degabriele l-Headmaster ta' l-iskola fejn jattendi t-tifel. Dan ix-xhud rega' xehed fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 fejn xehdu estensivament iz-zewg partijiet u fejn gew ukoll esebiti diversi dokumenti mill-attur. Finalment fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2001 ir-rikors gie ttrattat mid-difensur ta' l-attur. Id-difensur tal-konvenuta ma deherx. Huwa pero' inghata l-fakolta' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bid-dritt tal-kontro-parti ghan-nota responsiva. Sad-data li sejjer jinghata

dan id-digriet pero' aktar minn xahrejn wara l-ahhar seduta n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenuta baqghet ma saritx.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Damien Spiteri, xhud indipendenti, llum Teacher pero' li kien qabel Social Worker u li kellu kuntatt ma' din il-familja illi l-preokkupazzjoni principali tal-missier hija l-edukazzjoni tat-tifel (ara fol. 23, 27 u 28 tal-process tax-xhieda moghtija fl-20 ta' Ottubru 2000).  Il-missier infatti jhoss illi l-intimata mhijiex qed taghti attenzjoni bizzejjed ghall-iskola tat-tifel li konsegwenza tieghu huwa sejjer lura fl-edukazzjoni tieghu. Din l-opinjoni negattiva tal-missier ma hijiex ghal kollox kondiviza mix-xhud Paul Degabriele, l-Headmaster ta' l-iskola fejn jattendi t-tifel, li wkoll xehed fl-20 ta' Ottubru 2000 u f'seduta sussegwenti (ara fol. 29, 30 u 57 tal-process).

Il-Qorti semghet, kif intqal, lill-partijiet jixhdu estensivament. Jidhrilha illi t-tnejn ghandhom il-mankanzi taghhom. Kuntrarjament ghall-konvenuta pero' ma hemm ebda allegazzjoni serja u fondata illi l-attur qieghed jabita ma' xi

mara ohra. Il-konvenuta invece mhux biss, anke bl-ammissjoni taghha stess, ghandha relazzjoni extra-maritali ma' certu Anthony Pisani, izda wkoll ghandha zewgt itfal minn din ir-relazzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi t-talba attrici f'dan ir-rikors huwa biex *pendente lite* l-attur jinghata l-kura u kustodja esklussiva din it-talba tidher illi hija aktar immirata lejn tibdil fil-hinijiet ta' l-access biex il-missier ikollu aktar hin mal-minuri biex ikun jista' jghinu fl-edukazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat dawn il-fatturi kollha l-Qorti filwaqt li qieghed tichad it-talba biex tvarja l-kura u kustodja konguntiva qieghdha invece tvarja l-hin ta' l-access tal-partijiet rispettivi b'dan il-mod:

1. Il-minuri ghandu jorqod mal-missier li ghandu jwasslu l-iskola kull fil-ghodu. Wara l-iskola jmur ghand l-omm fejn ghandu jingabar mill-missier fil-5.30 p.m. Dana mit-Tnejn sal-Hamis;

2. Il-Gimgha wara l-iskola t-tifel jibqa' ma' l-omm sas-Sibt fil-ghaxija fis-7.00 p.m. hlief li jekk ikollu xi attivita' ohra bhal pjanu l-missier ikollu d-dritt jigbru biex jiehdu ghal din l-attivita';

3. Fil-vaganzi mill-iskola jibqa' l-istess arrangament fejn it-tifel jorqod mal-missier. L-omm pero' ghandu jkollha access kuljum mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. apparti mill-Gimgha fejn it-tifel jibqa' ma' l-omm sa l-ghada s-Sibt fis-7.00 p.m. kif fuq intqal.

Fir-rigward tat-talba dwar l-alimenti l-Qorti trid illi dina ghandha tibqa' riservata ghas-sentenza finali ghax minkejja l-fatt illi jirrizulta li l-omm ghandha relazzjoni extra-maritali effettivament fuq dan il-punt ma ngabu ebda provi u ma sar ebda dibattitu.

L-ispejjes huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.